MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 4/2000/1

**Frances Bianco, Doleres Bianco, Sr. Antonia Bianco (u b'digriet tal-1/3/01 Sr. Antonia Bianco irrinunzjat ghas-sehem taghha fuq il-bicca art u ghalhekk ma ghandhiex tkun parti f'din il-procedura u m'ghandhomx partijiet fil-proceduri Mary Azzopardi, Saverina Debono, Antonia German u Adelina Fenech) Maria Concetta Bianco bhala usufruttwarja, Gemma Mifsud Bonnici, Martin Bianco f'ismu proprju u f'isem Josephine Tortell, Alfred Bianco, Carmelo Bianco f'ismu proprju u f'isem Maria Willvenseder, Rev. Emanuel Bianco, Joseph Bianco u Anthony Bianco, Rita Calleja, Anna Calleja, John Bianco. Fr. Francis Bianco, Paul Bianco, Francis Bianco, Paul Bianco, Mario Bianco, Vincent Bianco, Sebastian Bonaci, John Bonaci, Georgette Bonett, Maria Kerr, Mary Azzopardi, Saverina Debono, Antonia German, Adelina Fenech.**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Agent Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

"Illi l-intimati kienu notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 13 ta' Marzu, 1990 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Attard tal-kejl ta' elf sitt mija u hamsa u disghin metri kwadri (1,695mk) li tinkludi fiha razzetta, tmiss mill-Punent ma' proprjeta' tas-Sinjura Rozina Mallia u ohrajn, mill-Lvant ma' proprjeta' tas-Sur Mario Galea Testaferata u parti ma' triq pubblika huwa ta' tmint elef hames mija u sitta u tmenin Lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm8,586.15) kif jidher mir-rapport tal-Perit O. Caruana Montaldo A.&C.E. tal-5 ta' Jannar, 1982 li kopja tieghu Dok A. huwa anness ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-13 ta' Marzu, 1990 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma' jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' sittax il-elf Lira Maltija (Lm16,000.00).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu, jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissaw kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Ra r-risposta tal-intimati li tghid:

"Illi preliminarjament ghandu jigi rilevat illi l-intimati Mary Concetta Bianco u Francis Bianco mietu fl-24 t'Awissu, 1999 u 2 ta' Dicembru, 1994 (kopja tac-certifikati tal-mewt annessi; Dok MB1 u MB2) u ghaldaqstant l-atti ta' dan ir-rikors ghandhom jigu legittimati.

Illi l-intimata Sr. Antonia Bianco kienet irrinunzjat ghas-sehem taghha f'din il-propjeta' u ghalhekk m'ghandiex tkun parti f'dawn il-proceduri.

Illi l-intimati Mary Azzopardi, Saverina Debono, Antonia German u Adeline Fenech kienu accettaw il-kumpens offrut mill-Kummissarju tal-Artijiet u fil-fatt kien sar ftehiem fl-atti tan-Nutar Dr. Vincent Miceli datat 9 ta' Mejju, 1990 u kien sar il-pagament permezz ta' *payment voucher* 62050003 u ghaldaqstant dawn l-intimati ma ghadx ghandhom interess f'dawn il-proceduri."

Illi ghandu jigi rilevat illi l-avviz ghall-ftehim mahrug mill-Kummissarju tal-Artijiet lill-intimati kien igib id-data 20 ta' Frar, 1990 u mhux kif erronjament indikat fir-rikors bhala 13 ta' Marzu, 1990.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-intimati rrilevaw b'mod preliminari illi Maria Concetta Bianco u Francis Bianco huma deceduti. Maria Concetta Bianco kienet mharrka bhala usufruttwarja, u stante li l-uzufrutt ma jintiritx, din id-decizjoni mhix qed tinghata fil-konfront tal-istess. Inoltre stante li ma kienet prezentata ebda talba ghal-ligitimazzjoni tal-atti wara l-mewt ta' Fr. Francis Bianco, din id-decizjoni qed tinghata fil-konfront tal-eredi tieghu.

Illi membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Renato Laferla u l-Perit AIC Joseph M Jaccarini wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

"… huma qed jistmaw din l-art, ghab-bazi ta' Lm7500.00 it-tomna, b'zieda ta' Lm1500.00 ghal bini, li kien hemm fuqha, befintis illi l-ispazju okkupat minn tali bini', pero

jitnaqqas mil-qis superficjali totali fil-komputazzjoni tal-valur tal-art u, konsegwentement , dan jigi jaghti rizultat ta' Lm12,119.00 u cioe (tnax-il elf, mija u dsatax-il lira ta' Malta) – bhala l-kumpens dovut."

Illi l-ammont ta' Lm12, 119.00 fil-valuta maltija llum huwa ekwivalenti ghall-Euro 28, 229.68 (tmienja u ghoxrin elf, mitejn disa u ghoxrin euro u tmienja u sittin centezmu);

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut il-bicca art f'Attard tal-kejl ta' elf sitt mija u hamsa u disghin metri kwadri (1,695mk) li tinkludi fiha razzetta, tmiss mill-Punent ma' proprjeta' tas-Sinjura Rozina Mallia u ohrajn, mill-Lvant ma' proprjeta' tas-Sur Mario Galea Testaferata u parti ma' triq pubbblika versu l-kumpens ta' **Euro 28, 229.68** (tmienja u ghoxrin elf, mitejn disa u ghoxrin euro u tmienja u sittin centezmu oltre l-imghax legali spettanti pro rata lil-intimat li ma kienux accettaw il-kumpens offert. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-28 ta' April, 2008 fit-3.30pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------